newsbook.com.mt

MADWAR IL-ĦAJJA

# Għajnuna għal studenti u ġenituri biex jagħżlu s-suġġetti fl-iskola

Marion Zammit - 01/07/15 10:17 AM




Studenti u ġenituri li jixtiequ iktar informazzjoni dwar kif ilaqqgħu s-suġġetti fl-iskola mal-għażliet għall-futur, jistgħu japprofittaw mill-opportunità ta' "I Choose – Nagħżel il-Karriera Tiegħi" li se tiġi organizzata f'Dar il-Mediterran fil-Belt Valletta, bejn il-Ġimgħa u s-Sibt.

L-attività, organizzata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, se tlaqqa' diversi istituzzjonijiet edukattivi f'post wieħed biex l-istudenti jkunu jistgħu jiddiskutu l-għażliet mal-*Guidance Support Teachers* li jgħinuhom jagħmlu l-pass li jmiss fl-edukazzjoni tagħhom.

Fl-attività se tingħata informazzjoni dwar l-opportunitajiet offruti mid-Direttorat għat-Tagħlim tul il-Ħajja, mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, mill-Aġenzija Żgħażagħ, mill-EUPA u minn istituzzjonijiet oħra.

Dawk interessati li japplikaw għall-boroż ta' studju jistgħu jiksbu iktar informazzjoni dwar l-opportunitajiet offruta mill-istand tat-Taqsima tal-Ischolarships.

Dar il-Mediterran se tkun miftuħa għal din l-attività bejn l-4.00pm u t-8.00pm tal-Ġimgħa u bejn id-9.00am u l-5.00pm tas-Sibt.

Iktar informazzjoni tinkiseb min-numru 99914356 jew mil-link t'hawn.